# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

21 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.55 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 35

35.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 34 – 9;
35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
35.5 Komunikazzjoni;
35.6 Il-Proġett ta’ xogħolijiet – Offerta għall-pavimentar u rinnovar ta’ Pjazza Santa Margerita;
35.7 Rapport ta’ kull Kwart 3 (Jannar – Settembru 2021);
35.8 Ħruġ ta’ Tender SNTLC 13/2021 – Xogħolijiet – Culverts għas-servizzi ġewwa spazju miftuħ pubbliku fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri;
35.9 Ħatra ta’ *Steward* għat-Trattament xieraq tal-Annimali;
35.10 Ħatra ta’ Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11);
35.11 Performance Bonus 2021;
35.12 Il-Ġemellaġġ ma’ Montefiascone;
35.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
35.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 12/2021;
35.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Gauci bgħat imejl fejn infurmaħ li mhux ser ikun jista jattendi għal din il-laqgħa peress li se jkun imsiefer. Il-Kunsill laqa' din l-apologija.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 34 – 9

35.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 34 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku qal li l-bieraħ fid-9.00 a.m. saret laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fl-uffiċċju tal-Kunsill. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-community police fejn il-Kunsill ġie nfurmat li dan se jibda għal nofs Jannar 2022. Ġie diskuss ukoll il-parkeġġ bl-addoċċ li qed isir fi Pjazza Santa Margerita speċjalment fil-weekends u ġie diskuss il-waste management ukoll speċjalment fil-weekends. Is-Sindku qal li ġie diskuss ukoll l-programm tal-banda li ser isir f'diversi spazji miftuħa nhar il-Milied u li għandna bżonn l-għajnuna tal-korp tal-pulizija. Il-Viċi Sindku talbet u ssuġġeriet li jsir avviż lir-residenti dwar meta se jibda l-community police biex dak li jkun ikun ippreparat.

35.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021, il-Korporazzjoni Enemalta kellu jqatta l-wiċċ ta' Triq tal-Gruwa fil-parti tan-nofs peress li dan l-aħħar saret ħsara fil-high tension fejn ma kienx hemm kontroll fuqu. Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll s-Segretarju Eżekuttiv kellmu lill-Inġinier dwar l-istat ta' kif tħalliet Triq Skerla meta ġara l-istess mill-Lulju li għadda biex isiru x-xogħolijiet tar-reinstatement kif suppost. Il-Kunsill kiteb diversi imejls dwar dan u talab biex din it-triq ma titħalliex fl-istess stat ta' Triq Skerla u li dawn it-toroq għandhom jiġu asfaltati mill-aktar fis. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb dwar dan bl-avukat. Il-Kunsill qal li jaqbel ma dan.

35.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għat-tieni sena konsekuttiva r-Reġjun Għawdex ser jerġa jqassam ikla nhar il-Milied lil dawk il-persuni anzjani li jgħixu waħidhom, dawk vulnerabbli jew għaddejjin minn żminijiet diffiċli jew mard biex b'hekk inaqqsu ftit mis-solitudni u nġibu ftit ferħ ġo djarhom billi nuruhom li aħna naħsbu fihom. Il-Kunsill ħareġ l-avviżi biex javża b'dan lir-residenti.

35.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li saru l-evalwazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet għall-tindif fl-uffiċċju SNTLC 10/2021 il-bord għandu r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni u qabel biex jibda bil-kuntratt il-ġdid minn Jannar 2022.

35.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li saru l-evalwazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet ta' cleaning, maintenance and opening and closing of Public Conveniences in Ta' Sannat SNTLC 12/2021 il-bord għandu r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni u qabel biex jibda bil-kuntratt il-ġdid minn Jannar 2022.

35.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li dwar l-offerta SNTLC 05/2021 dwar General Road Asphalting Works in Ta' Sannat, il-Kunsill għandu jwaqqa din l-offerta u joħroġ waħda mill-ġdid, dan peress li f'din l-offerta ma kienx hemm l-items meħtieġa kollha. Il-Kunsill qabel li joħroġ mill-ġdid din l-offerta.

35.3.7 Is-Sindku qal li sabiex il-proġett ta' Sqaq Dun Nastas fi Triq Ċenċ jiġi komplut wara li ġew ukoll installati lampi ġodda u dawn xegħlu, issa jiġu ordnati żewġ bankijiet ġodda u pot bil-fjuri. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.3.8 Is-Sindku qal li fi Triq Ta' Ċenċ hemm sqaq ieħor fejn jgħixu żewġ familji u l-barra minnhom Karkanja Ltd. bena binja ta' blokka appartamenti fejn meta kien beda x-xogħol dan kellu jkisser parti mit-triq bil-konsegwenza li dan jerġa jirranġha. Hu qal li kien ftiehem mall-kuntrattur biex meta jkun se jirranġa dak li kien kisser jkellem lill-Kunsill. Issa li l-proġett ta din il-binja hu konkluż qed jissuġġerixxi biex dan l-isqaq ukoll jingħata bil-monolitich concrete bħal dak ta' Triq il-Kalati u Sqaq Dun Nastas. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Perit irid jgħamel stima għal dan ix-xogħol biex b'hekk dan il-xogħol jinqasam parti mill-Kunsill u l-parti l-oħra mill-Kuntrattur.

35.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Malta Film Commission nediet applikazzjoni għal Best Film Location Award u l-Kunsill ipparteċipa billi applika fuq il-bajja ta' Mġarr ix-Xini u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jirċievi mingħand is-Sur Engilberg biex jara jekk hemmx il-possibilta' li jitkompla l-filming tat-teleseries Madame Blanc. Is-Sindku qal li hu wieġbu li x-xogħolijiet tal-proġett ta' Pjazza Santa Margerita wasal biex jistakka u li dan mhux possibli.

35.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li l-Kunsill Lokali Mosta bgħatu komunikat fejn qalu li jaqblu li għandu jsir patt ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Kunsilli, anke l-Kunsill Lokali Kalkara wieġbu biex jitkompla l-patt ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Kunsilli. Dawn it-tnejn għandhom jibgħatu komunikat biex jiddiskutu dan il-quddiem.

35.3.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Kunsillier responsabbli mill-Kultura mill-Kunsill ta' lokalita' ta Homps fi Franza fejn dan wera x-xewqa li jsir tip ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Dan il-Kunsillier għandu jiġi jżurna Ta' Sannat is-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li lura fl-2016, kien sar ftehim mall-Ministeru għal Għawdex u l-Water Services Corporation meta kienu qed isiru xogħolijiet fuq il-pipe line f'Ta' Sannat fi Triq tal-Gruwa fejn kien hemm qbil li mill-istess kuntrattur u xogħolijiet isir water culvert fi Triq tal-Gruwa fejn il-Kunsill kien ilu snin twal jirċievi ilmenti dwar għarar tal-ilmijiet tax-xita, għalhekk il-Kunsill irid iħallas il-parti tiegħu permezz ta' dan il-ftehim. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntrattur għandu jitħallas.

35.3.12 Is-Sindku qal li s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita talbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex bħas-snin l-imgħoddija ser isir is-7 edizzjoni ta' The Grand Christmas Concert fil-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li jikkollabora ma din l-attivita' annwali u kulturali.

35.3.13 Is-Sindku qal li fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill bħas-sena l-oħra nhar lejliet il-Milied u lejliet l-ewwel tas-sena, l-uffiċċju amministrattiv se jiftaħ sa nofsinhar għal pubbliku, dan peress li ma jkunx hemm konkorrenza minn nies f'dawn il-ġranet. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

35.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Direttur għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-MGOZ qed jipprepara programm tentattiv għall #inħobbok l-Valentine's in Gozo. Huma talbu l-proposti tagħna sa mhux aktar tard mis-6 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill għandu jara x'jista jorganizza għal dan l-avveniment.

35.3.15 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li fl-2020 kien beda jipprepara dramm bl-isem il-Kundanna għal żmien il-Għid. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk dan jistax isir fis-sena 2022.

35.3.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-anniversarju tal-85 sena mit-twaqqif ta' Sannat Lions F.C. dawn ġew ikkanċellati minħabba Covid-19 biss ser jingħata memento lit-timijiet rebbieħa. Is-Sindku qal li dan għandu jingħata waqt attivita'. Il-Kunsill qabel ma dan.

35.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-lejla mis-7.00 p.m. wara l-quddiesa tan-novena, fi Pjazza Santa Margerita l-FSWS Għawdex nedew kampanja bl-isem "Ifraħ u Feraħ" fejn ser iqassmu kotba lit-tfal kollha minn Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li għal din l-attivita' se jkun qed jipprovdi sound system biex fil-pjazza jkun hemm atmosfera ferriħija tal-Milied.

35.3.18 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-MGOZ transferrixxa €500,000 għax-xogħolijiet fuq Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li dan l-ammont għandu jitħallas lill-Kuntrattur.

## 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

35.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

35.4.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar iż-zjarat għand l-anzjani meta ser isiru. Is-Sindku wieġeb li dawn se jibdew.

35.4.3 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li xi individwi talbu biex il-passaġġ minn Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan jinqata l-ħaxix ħażin f'dan il-passaġġ. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema ta' CWSEF assenjati mall-Kunsill.

35.4.4 Il-Kunsillier Bajada staqsa ukoll x'kien sar mis-servizz li l-Kunsill Lokali offra lil dawk il-persuni 'l fuq minn 50 sena li jixtiequ jitlaqqmu bil-vaċin tal-influwenza staġjonali. Is-Sindku wieġeb li għal dan is-servizz kienu applikaw ħamsa biss u meta ġew mitluba biex imorru għal dan is-servizz l-individwi li applikaw wieġbu li kienu diġa tlaqqmu. Dan is-servizz kien ser jingħata b'xejn.

35.4.5 Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn individwi li fi Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam) din it-triq filgħaxija tinsab mudlama u qed titlob biex jiżdied id-dawl. Is-Sindku wieġeb li din it-triq mhix fil-konfini tagħna. Is-Segretaju Eżekuttiv ssuġġerixxa li tintbgħat email lill-Kunsilli Lokali ix-Xewkija u Rabat dwar dan. Is-Sindku ssuġġerrixxa li l-Kunsill għandu jitlob lill-

Ministeru għal Għawdex biex issir bankina u jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ u ġo fihom jiġu nstallati low lights biex jkun hemm aċċess għal dawk li jimxu f'din it-triq.

## 3.5 Komunikazzjoni

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
17 ta' Novembru 2021 – Cir AKL2021/121 – L&M – Leading People Training Session – 01/12/2021
17 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/122 – Tqassim ta' ilma għall-Fun Run
18 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/123 – Stedina mill-President, il-Palazz nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru 2021
19 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/124 – AFM Officials
22 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/125 – AKL Webinar – Info Session – Culture and Heritage 02/12/2021
24 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/126 – Reconcillation – Fun Run 2021
24 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/127 – Ittra – Soċjetajiet tal-Banda
01 ta' Diċembru 2021 – Cir AKL 2021/128 – LCA Parking Document
01 ta' Diċembru 2021 – Cir AKL 2021/129 – Charging Pillars Infographics for LCs
03 ta' Diċembru 2021 – Cir AKL 2021/130 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022. Il-Kunsill qabel li din il-polza titħallas.
09 ta' Diċembru 2021 – Cir AKL 2021/131 – Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for the year 2020
15 ta' Diċembru 2021 – Cir AKL 2021/132 – L&M – Managing Information Training Session – 11/02/2022

35.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
19 ta' Novembru 2021 – Re ħolqien ta' Masġar b'rabta mal-Platinum Jubilee tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II
29 ta' Novembru 2021 – Re Milied Solidali – Għoti ta' Ikla tal-Milied 2021 għall-persuni partikulari fil-Lokalita'
03 ta' Diċembru 2021 – Gentle Reminder – Re ħolqien ta' Masġar b'rabta mal-Platinum Jubilee tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II
06 ta' Diċembru 2021 – Re Festin tal-Milied 2021
07 ta' Diċembru 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 106 nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021 fis-6.30p.m.
09 ta' Diċembru 2021 – Re Ġbir ta' Diaries u Oġġetti mill-Uffiċċju tar-Reġjun Għawdex
09 ta' Diċembru 2021 – Re ħolqien ta' Masġar ieħor b'rabta mal-Proġett Life Terra
10 ta' Diċembru 2021 – Ifraħ u Ferraħ – Kampanja ta' rigali ta' kotba lit-tfal Għawdxin dan il-Milied
10 ta' Diċembru 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 106 Il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021 fis-6.30p.m.
10 ta' Diċembru 2021 – Gentle Reminder – Re Festin tal-Milied 2021
20 ta' Diċembru 2021 – Re Persuna biex tassisti fit-tqassim tal-Ikla tal-Milied 2021
20 ta' Diċembru 2021 – Re Attivita' tqassim ta' Mementos – President's Fun Run

35.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

17 ta' Novembru 2021 – PA/01511/21 – GTD – Proposed two maisonettes at ground floor level and six flats at first, second and receded floor levels and underlying basement garages for private cars. – Triq Ta' Dun Luqa, Sannat
17 ta' Novembru 2021 – RG/00898/21 – GTD – To regularise existing flat as built – Triq Pisoniano, Sannat
17 ta' Novembru 2021 – PA/07962/21 – To carry out minor internal alterations to change one bedroom and two bedroom apartment at first floor into 2 in number one bedroom apartments. – Triq Ta Ċenċ, Sannat
17 ta' Novembru 2021 – PA/07996/21 – To construct 4 stables and ancillary facilities. To also install a timber gate. – Site at, Acess off, Triq Ta' Bebunaq, Sannat
07 ta' Diċembru 2021 – RG/01101/21 – GTD – To regularise terraced house and linked garage as built. – Triq Dun Lazzru Camilleri, Sannat
07 ta' Diċembru 2021 – PA/02435/21 – GTD – To carry out additions and alterations to existing dwelling, including restoration and minor alterations to exsiting facade to convert existing garage door and window to an arched remissa type opening, to redevelop the rooms roofed with steel beams, addition of a first floor and washroom above, and swimming pool in backyard. – Triq Dun Xand Aquilina, Sannat

## 35.6 Il-Proġett ta' xogħolijiet – Offerta għall-pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita

35.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta Nru. SNTLC 06/2021 Repaving and embellishment of Pjazza Santa Margerita fejn nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021 il-Kunsill kien irċieva mingħand il-Public Contracts Review Bord fejn irċevejna li l-Kuntrattur kien ġie nfurmat li ġie awarded din l-offerta u li wara din l-offerta ġiet ikkanċellata mill-Kunsill, dan kien daħħal appell fuq xi kriterji u li l-Kunsill kellu jwieġeb bl-Avukat, il-Kunsill kien bgħat id-dokumenti mitluba fil-ħin. Dan il-Bord tal-appelli ltaqa' b'mod virtwali nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru 2021 fejn preżenti kien hemm minn naħa tal-appellant, il-Kuntrattur u l-Avukat tiegħu, ix-xiedha kienu l-bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tal-offerta, l-Perit, l-Enġinier, il-procurement officer u l-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2021 il-Kunsill irċieva r-rapport iddettaljat minn naħa tal-Public Contracts Review Board, fejn dan il-bord ta' raġun lill-Kuntrattur. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa l-pariri mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata lill-Kuntrattur biex dan il-proġett jistakka. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mall-Kuntrattur, mall-Perit tal-Proġett flimkien mall-Project Manager qabel jiġi ffirmat il-kuntratt għal dan ix-xogħol.

## 35.7 Rapport ta' kull Kwart 3 (Jannar – Settembru 2021)

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapport ta' kull kwart (Jannar – Settembru 2021) kien intbgħat permezz tal-imejl lill-Kunsillieri mall-Aġenda għal din il-laqgħa. Dan ġie approvat mill-Kunsill u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 35.8 Ħruġ ta’ Tender SNTLC 13/2021 – Xogħolijiet – Culverts għas-servizzi ġewwa spazju miftuħ pubbliku fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri

35.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ħareġ l-avviż għall-offerta SNT 13/2021 – Xogħolijiet – Culverts għas-servizzi ġewwa spazju miftuħ pubbliku fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, Ta’ Sannat. Din l-offerta hi suġġetta għal fondi li l-Kunsill qed jaħdem biex jakkwista mid-DPF – Awtorita’ tal-Ippjanar u li din tgħalaq nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Jannar 2022. Din l-offerta dehret fuq il-gazzetta tal-Gvern nhar il-Ġimgħa 17 ta’ Diċembru 2021.

## 35.9 Ħatra ta’ *Steward* għat-Trattament xieraq tal-Annimali

35.9.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaġġorna lill-Kunsill bil-post vakanti tal-ħatra ta’ Steward għat-Trattament xieraq tal-Annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li wara li ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għal Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali (Skema 2021-2022 mid-DLG) u wara li l-Kunsill ħatar bord għal interviews, il-bord iltaqa u l-applikanti ġew imsejħa biex jattendu għall-intervista nhar il-Ħamis 25 ta’ Novembru, 2021. Dan il-bord lesta r-rapport ta’ dawn l-intervisti li minn 12 il-applikant attendew 7. Wara li l-Kunsill ra u ddiskuta dan ir-rapport il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għal dan ix-xogħol ta’ *Steward* għat-Trattament xieraq tal-Annimali (Skala 16) qed jaħtar lis-Sur Noel Borg. Il-Kunsill qabel ma dan u awgura lil dan l-impjegat ġdid f’dan il-qasam għal ġid tar-residenti Ta’ Sannat fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan l-ingaġġ għandu jibda minn nhar it-Tnejn 3 ta’ Jannar 2022.

## 35.10 Ħatra ta’ Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11);

35.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li s-Segretarju Eżekuttiv talab l-għajnuna peress li fix-xogħol tal-amministrazzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill tinħass il-ħtieġa li jkun hawn post ta’ Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11). Il-Kunsill ħareġ din is-sejħa interna u li din kienet tagħlaq nhar il-Ġimgħa 26 ta’ Novembru 2021. Għal din l-vakanza applikat l-Uffiċjal Eżekuttiv. L-intervista mill-bord mall-applikant saret il-bieraħ u l-Kunsill għandu r-rapport ta dan il-bord. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u li s-Sinjura Geraldine Mercieca għandha tiġi promossa għal skala 11 bħala l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tal-Kunsill Lokali Ta’ Sannat. Il-Kunsill qabel unnanimament ma dan u feraħ lis-Sinjura Mercieca biex tkompli taħdem għal ġid tar-residenti Ta’ Sannat fi ħdan dan il-Kunsill, dan l-ingaġġ għandu jibda minn nhar it-Tnejn 3 ta’ Jannar 2022.

## 35.11 Performance Bonus 2021

35.11.1 Is-Sindku qal li reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta’ l-Impjegati għas-sena 2021 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b’dan il-mod:
Is-Segretarju Eżekuttiv, Jason Curmi ġie mogħti 10 %.
L-Uffiċjal Eżekuttiv, Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6 %.

Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol tagħhom li sar matul din is-sena, sena ta' pandemija li magħha żiedet wkoll xi xogħolijiet fl-uffiċċju. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali.

## 35.12 Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

35.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'dan ix-xahar, għamel żjara ta' kortesija Montefiascone fejn iltaqa mas-Sindku l-ġdid ta' Montefiascone. Hu qal li ltaqa mas-Sindku Giulia De Santis fejn spjegala bl-applikazzjoni li l-Kunsill għandu minn fondi ewropej u permezz tal-pandemija din it-tkomplija ta dan l-avveniment ma setgħax issir u ovvjament l-Kunsill għadu lest li jospita raprezentanza minn Montefiascone. Hu qal li nfurmha li l-Kunsill lest li jerġa japplika u jtella delegazzjoni minn Ta' Sannat u jekk tiġi aċċettata din l-applikazzjoni mill-EU dan ikun jista jsir f'Settembru li ġej. Is-Sindku qal li għal dan il-għan il-Kunsill għandu jerġa japplika minn fondi ewropej permezz tal-applikazzjoni li jmiss. Is-Sindku spjega kif jistgħu jsiru il-programmi ta' dawn l-avvenimenti. Is-Sindku qal li stieden lis-Sindku ta' Montefiascone biex tiġi żżur lil Ta' Sannat flimkien mad-delegazzjoni tagħha f'April li ġej. Il-Kunsill qabel ma dan kollu.

## 35.13 Ilmenti u Suġġerimenti

35.13.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi ilmenti jew suġġerimenti.

35.13.2 B'referenza għall-ilment numru 49/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li tiġi rranġata ħofra kbira quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qal li din trid issir it-triq.

35.13.3 Resident li joqgħod fi Triq il-Paranji talab li jsiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill għandu jara u filkaż jgħamel talba lil Transport Malta

35.13.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li qed tagħmel xogħolijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Dun Luqa fejn talab permess sabiex jkun jista' jkisser l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tiegħu, u b'hekk ikun jista' jinbena boundary wall mal-propjeta' tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan bil-patt li l-quddiem din il-bankina terġa ssir tal-istess għamla, daqs u b'materjal li ma jiżloqx. Importnati ukoll li ma ssirx ħsara lil terzi u li din trid tiġi ċċertifikata mill-Perit tal-Kunsill. Il-bankina li tkissret waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' kostruzzjoni ġiet irranġata mill-kuntrattur filwaqt li ż-żejt li kien hemm fit-triq ġie mnaddaf ukoll mill-istess kuntrattur.

35.13.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward żibel li ġie mormi fi Triq Marziena. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dan ġie imnaddaf.

35.13.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*intervention Team – MGOZ* rigward ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

35.13.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq Skerla. Hija qalet li tifhem li l-Kunsill ta permess sabiex jitneħħew l-bankijiet biex b'hekk ikun hemm aċċess għal-sit ta'

kostruzzjoni iżda l-kuntrattur waqqa' ħajt tas-sejjieħ mingħajr permess. Hija qalet li dawn ix-xogħolijiet qed isiru maġenb spazju pubbliku u passaġġi li jintużaw min-nies u talbet li jkun assigurat li ħadd ma hu ħa jkun fil-periklu peress li qed jkun hemm makkinarju kbir jaħdem qrib dawn il-postijiet pubbliċi. Is-Sindku qal li dan il-kuntrattur suppost jaf x'qed jgħamel.

35.13.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta rigward żvilupp fi Triq Ta' Skerla. Huwa qal li l-iżviluppatur ħatt ħajt tas-sejjieħ, qatta xi siġar qodma u neħħa l-ħamrija ta' parti mir-raba' li jmiss eżatt man-naħa ta' wara tal-pjazzetta. Huwa qal li biex isir dan irid ikun hemm permessi. Huwa staqsa diversi mistoqsijiet fejn talab li dawn ma jaqgħux fuq widnejn torox u japprezza ħafna li jirċievi risposta għalihom. Il-Kunsill qabel li dwar dan l-ilment dawn iridu jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti u mhux lil Kunsill.

35.13.9 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward mera maqlugħa fi Triq il-Kalkara tal-Ġir. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-mera ġiet rranġata.

35.13.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta fejn ilmentat rigward skart li qed jitħalla fi Triq Skerla dan peress li hemm diversi appartamenti li jiġu mikrija għal ftit jiem. Din issuġeriet li jiġu nstallati cameras fil-pjazza u fi Triq Skerla u anka li jiżdiedu il-ġranet li fihom jinġabar l-iskart tal-borża sewda. Hija qalet li jkun vijabbli li tinżamm il-ġurnata tas-sibt is-sena kollha.

35.13.11 Il-Kunsill ddiskuta dan l-ilment u ma qabilx li jiżdied dan is-servizz tal-borża s-sewda meta il-policy tal-pajjiż hu li jitnaqqas dan u jsir aktar reċiklaġġ, meta anke il-Kunsill rebaħ award fejn jidħol reċiklaġġ.

35.13.12 Il-Viċi Sindku talbet li tiġi skużata peress li ma setgħetx toqgħod għal kumplament tal-laqgħa.

35.13.13 Il-Kap tal-Iskola qed tissuġerixxi li jsiru No Entry Signs forma ta' N-Shapes li jeħlu ġol-art sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-għeluq u ftuħ tat-triq fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal dan peress li l-barriers tal-plastic meta jkunu r-riħ qed jitħarku mill-post u qed ikunu ta' periklu.

35.13.14 Residenta ġiet l-Kunsill fejn talbet li tiġi reġistrata bħal cat feeder fil-lokalita'.

35.13.15 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward tyres mormija fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dawn ġew miġbura mill-kuntrattur tal-bulky.

35.13.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Arċipriet fejn qal li se jorganizza Live-in f'Malta lill-Abbatini għall-ħarġa edukattiva, kulturali u rikreattiva. Huwa qed jitlob jekk hux possibli li l-Kunsill jgħin fit-transport waqt din l-attivita'. Il-Kunsill għandu jara x'tinvolvi din l-ispiża.

35.13.17 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li qed taħdem biex jinħolqu *clean-up* groups f' lokalitajiet differenti f'Għawdex. Din il-persuna qed tissuġerixxi li jsir grupp f'Ta' Sannat biex dan il-grupp ikun jista jorganizza *clean ups* u anki jeduka lil pubbliku dwar l-ambjent. Il-Kunsill qabel li jiltaqa ma din il-persuna.

35.13.18 B'referenza għall-ilment numru 50/2021, residenta qed titlob li ssir bankina ġdida madwar blokka ta' apartamenti fi Triq Ta' Ċenċ kantuniera ma' Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel biex din it-talba tintbgħat bis-sistema tal-Works Request System lill-MGOZ.

35.13.19 B'referenza għall-ilment numru 51/2021, residenta qed titlob li ssir bankina ġdida fi Triq Xamgħan. Il-Kunsill qabel biex din it-talba tintbgħat bis-sistema tal-Works Request System lill-MGOZ.

## 35.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/2021

35.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 12/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Clayton Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 35.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

35.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar 17 ta' Jannar 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Jannar, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |